TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 31/14-F

**Margaret u Karl Parnis**
**vs**
**Richard Curmi – De Paule Jewellery**

Illum 29 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' mija u ħamsin ewro (€150), rappreżentanti nuqqas ta' 4 grammi deheb minħabba l-fatt illi wara li ħadet iċ-ċurkett tad-deheb sabiex iċċeknu, dana tnaqqaslu mill-kontenut tiegħu tad-deheb.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ħadu ċurkett tat-tieġ tad-deheb sabiex jiġi mċekken, pero' wara li ġabitu lura nnutaw illi l-piż kien anqas minn dak oriġinali.

L-intimat issottometta li huwa impossibbli, u li l-proċedura hija li jinqata' ċ-ċurkett u li jiġi *polished*, pero' żgur li ma jitlifx 4 grammi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll kellu l-opportunita' li jispezzjona dan iċ-ċurkett u li hu tal-fehma li ma tnaqqasx 4 grammi minnu, u għaldaqstant jikkonkludi li t-talba tar-rikorrenti mhijiex aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888